**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 23/2015**

**Dr. Gerald Montanaro Gauci, Alfred Montanaro Gauci, Neville Montanaro Gauci, Nicolette Lupi, Marie Jose Sultana u Winston Montanaro Gauci**

**vs**

**Joseph Galea**

**Illum, 20 ta' Ottubru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

Illi l-esponenti kienu krew lill-intimat l-fond 2/101 Republic Street, Valletta skond il-ftehim hawn anness dok A, bil-kera ta` Ewro 233 fis-sena jithallas bil-quddiem l-iskadenza li jmiss jaghlaq fis-26 ta` Settembru 2015.

Illi l-intimat naqas li jhallas skond il-ftehim u skont il-ligi ghalhekk hemm lok ghall-izgumbrament tal-istess intimat.

Illi l-intimat naqas li jhallas l-kera minkejja diversi interpellazzjonijiet. Illi issa l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta` Ewro 1486 bhala arretrati fil-kera.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob li din il Bord joghgbu:

1) jawtorizza l-esponent biex jirriprendi l-pussess battal tal-fond fi tmiem l-lokazzjoni kurrenti u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond.

2) Jikkundanna lil intimat ihallas l-ammont ta' Euro 1486 fuq dan l-ammont rapprezentanti arretrati fil-kera.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimat gie debitament notifikat fl-20 ta' April 2015 skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 8 tal-process, izda ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra illi l-intimat minkejja li debitament notifikat baqa' kontumaci mhux biss ghax ma pprezenta l-ebda risposta izda wkoll naqas illi jidher quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrenti Dr. Gerald Montanaro Gauci kkonferma bil-gurament it-talbiet tar-rikorrenti u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur;

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2015, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Bord joghgbu (1) jawtorizza l-esponenti biex jirriprendi l-pussess battal tal-fond fi tmiem l-lokazzjoni kurrenti u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond u (2) jikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' Ewro 1486 rapprezentanti arretrati fil-kera u dan bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali.

Illi l-intimat minkejja li debitament notifikat baqa' kontumaci mhux biss ghax ma prezenta l-ebda risposta izda wkoll naqas illi jidher quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talba tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti Dr. Gerald Montanaro Gauci kkonferma bil-gurament tieghu l-kontenut tar-rikors promotur.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa zmien xahar mil-lum bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur